# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tal-Erbgha 16 t'Ottubru 2019

**Rikors Numru : 86/2019JPG**

**Kawza Numru : 25**

**NB**

**Vs**

**DB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' NB, datat 15 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fis-sbatax ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disghin (17/11/1990), hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A', u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, B, N u M illi llum maggoreni, hekk kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok 'B'.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt quddiem in-nutar Dottor Joseph Debono ta' 27 ta' Marzu 1998 hekk kif jidher min Dok 'C'.*

*Il-partijiet ilhom separati u de jure mis-27 ta' Marzu 1998 u ghaldaqstant ilhom aktar minn 20 sena separati.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li l-partijiet ilhom 20 sena mifrudin.*

*Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li dejjem gie mhallas.*

*Illi dawn il-fatti fuq msemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehitega ghal ksib tad-divorzju skond l-artiklu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fis-sbatax ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disghin (17/11/1990) bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Regsitru pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata iddikjarat li mhix topponi ghad-divorzju (Vide fol 16);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**NB** xehed illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta' Novembru 1990 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fis-27 ta' Marzu 1998 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, li llum il-gurnata kollha huma maggorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal ghoxrin sena, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**DB** xehdet u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-17 ta' Novembru 1990 (Vide Dok A fol 5) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett ulied li llum -il gurnata huma kollha maggorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, datat 27 ta' Marzu 1998 (vide Dok. C fol 9 et seqq.);

Jirrizulta ukoll illi m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jinsab pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**